MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Numru. 555/2003

PULIZIJA
SPETTUR YVETTE FARRUGIA
VS
GEORGE MANGION

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Mangion ta’ 27 sena iben Carmel u Giovanna mitwielda Diacono, imwieled Hal Qormi fit-2 t’Awissu 1975 u joqghod Flat 3, Triq Ganni Bonnici, Blk E, Ent B, Zebbug detentur tal-karta tal-identita bin-numru 296975M talli fil-Marsa Industrial Estate Marsa fit-8 t’Ottubru 2002 ghal habta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofs inhar volontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Elvin Abela kif iccertifikat it-tabiba Dr Moira Grech MD tal-Isptar San Luqa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-lum stess fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-ammissjoni tieghu stess l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza.

Illi ghar-rigward ta’ piena il-Qorti semghet il-mahfra ta’ Elvin Abela li ta’ t-testimonjanza tieghu quddiem dina l-Qorti;

Hadet in konsiderazzjoni is-sentenza esebita mid-difiza Pulizija vs Elvin Abela deciza fid-19 ta’ Frar 2004, fejn wara l-mahfra tal-imputat, l-piena ta’ sitt xhur prigunerija giet varjata ghal sentenza sospiza;

Rat illi l-griehi li sofra Elvin Abela ma hallewx sfregju permenenti u huma tali illi bil-kemm wiehed jattendi bihom;

Rat il-fedina penali nettissima tal-imputat u ghaldaqstant wara li rat Art 216 tal-kap 9 Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar taht is-supervizzjoni ta’ probation officer li joghgbu jinnomina id-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------